FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 29 T'AWISSU 2002

PULIZIJA
SPETTUR MARTIN SAMMUT
VS
GARY GRECH
DINO BONNICI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Gary Grech ta' 20 sena, iben John Mary u Rita nee D'amato imwieled il-Pieta nhar it-22 t'April 1982 u joqghod St Mary, Triq l-Imdawra, Zurrieq, numru tal-karta tal-identita 238882M u Dino Bonnici ta' 20 sena, iben Anthony u Mary nee Caruana imwieled Pieta nhar it-8 t'Ottubru 1981 u joqghod 62, Triq il-Karmnu, Zurrieq numru tal-karta tal-identita 575481M talli fid-29 t'Awissu 2002 ghal habta ta' 5.45 ta' filghodu mill-fond maghruf bhala Brass Monkey, fi Triq San Gorg, Paceville, ikommettew serq ta' handbag li kien jikkontjeni mobile telephone tal-marka Nokia u camera fotografika tal-marka Konika, ghad-detriment ta' Cecilie Lebeck minn Danimarka, liema oggetti jiswew iktar minn Lm100 maltin izda anqas minn elf lira maltin u liema serq huwa aggravat bil-hin, u bil-valur, dan bi ksur tal-artikoli 261, 267, 270 u 279(a) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputati sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-lum stess fejn l-imputati ammettew ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghhom il-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuza u wara li rat Art 261, 267, 270 u 279  tal-kap 9 u Art 5 tal-kap 152 tillibera lill-imputati bil-kondizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett snin u dan taht is-supervizzjoni tal-probation officer Carmen Nygaard.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.